MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru. 469/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J.Farrugia]**

**Vs**

**Gilbert Dimech**
**Freddie Mansueto**

Kumpilazzjoni Numru: 469/2011

**Illum 14 ta' April 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

Gilbert Dimech, iben Carmelo u Esther nee' Cucciardi, imwieled il-Pieta' fl-20 ta' Dicembru, 1978, u residenti fil-fond numru 35, Triq il-Qalb Imqaddsa, Santa Venera u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 19379M).

Freddie Mansueto, iben Francis u Carmen nee' Xuereb, imwieled il-Pieta', fit-12 ta' Awissu, 1979, u residenti fil-fond numru 33, Flat 1, Triq Jannara, Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 424779(M).

Akkuzati talli nhar il-31 ta' Marzu, 2011, ghall-habta tas-1:20a.m gewwa il-hanut 'The Godfather', fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera, u fl-inhawi ohra f'dawn il-gzejjer Maltin;

1. Ingurjaw hew heddew persuni ta' uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna PS 1195 Conrad Debattista, PC 313 Dominic Joseph Busuttil, u lil PC 476 Shaun Paul Friggieri u pulizija ohra u dan ai terminu tal-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Flimkien ma theddid, ukoll fil-kaz ta' theddid bil-fomm, ghamlu ordni jew kundizzjoni lil PC 195 Conrad Debattista, PC 313 Dominic Joseph Busuttil, u lil PC 476 Shaun Paul Friggieri u pulizija ohra at termini tal-artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9.
3. Naqsu li jobdu l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom minn PS 1195 Conrad Debattista, PC 313 Dominic Joseph Busuttil, u lil PC 476 Shaun Paul Friggieri u pulizija ohra waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallewx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirjiethom u dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Volontarjament kisru il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli Gilbert Dimech wahdu;

1. B'qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l' quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u dan ai terminu tal-artikolu 110 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi fl-istabiliment ' The Godfather' sitwat fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera bhala direttur, managers, segretarji jew ufficjali ohra simili tal-Korp, ghaqda jew kienu jidhru li qed jagixxu f'dik il-kariga u cioe' tal-fond kummercjali 'The Godfather', ma ezercitawx id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-ghemil ta' reat u cioe' talli ippermettew lil min ihaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bhal dawn jew inkella hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib u dan bi ksur ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 u artikolu 41 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi fl-istabiliment 'The Godfather' sitwaqt fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera bhala diretturi, managers, segretarji jew ufficjali ohra simili tal-Korp ghaqda, jew kienu jidhru li qed jagixxu f'dik il-kariga u cioe' tal-fond kummercjali 'Godfather', ma ezercitawx id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-ghemil ta' reat u cioe' talli ippermettew li jinzamm l-imsemmi hanut miftuh wara il-hin ta' l-eghluq u mhux skond il-kundizzjonijiet tal-licenzja ta' l-imsemmi hanut.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-niex bi hsejjes jew b'ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli bhala recidiv ghal kontravenzjonijiet maghmulin minn nies tal-hwienet jew minn nies ohra b' licenzja moghtija mill-awtorita' kompetenti meta dawn il-kontravenzjonijiet ikollhom x' jaqsmu max-xoghol ta' l-arti, sengha jew xoghol iehor. Il-Qorti hi mitluba li thassar il-licenzja jew tordna li l-licenzja tigi mizmuma ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq u dan bi ksur tal-Artikolu 320 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet tal-Pulizija.

6. U aktar talli wara li gie ordnat li tnehhi l-inkonvenjent b' sentenza tal-Qorti taht penali fin-nuqqas inqas milli taghmel dan.
7. U aktar talli ghamilha ta' substitute fl-imsemmi hanut minghajr licenzja ta' awtorita' kompetenti.
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' persuna nkarigata minn servizz pubbliku u cioe' ta' PS 1195 Conrad Debattista, PC 313 Dominic Joseph Busuttil u lil PC 476 Shaun Paul Friggieri meta kienu gew ordnati biex ma jippermetux li jsir daqq ta' muzika jew hsejjes ohra qawwija li setghux ikun ta' inkonvenjent lin-nies li joqghodu f'bini fil-qrib u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli irrendew ruhhom bhala recedivi b'sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' kundanna anke jekk tkun taghat xi piena lil min jaghmel/jaghmlu ir-reat, tordnalu/tordalhom t-tnehhija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew skond ic-cirkostanzi, li jikkonforma/jikkonformaw ruhu/ruhhom mal-ligi, fi zmien, bizzejjed ghal dak il-ghan izda f'ebda kaz iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li jigi stabbilit milli Qorti u jekk min jaghmel/jaghmlu ir-reat jonqos/jonqsu li jhares/jharsu xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabbilit, hu/huma jkun hati/hatja ta' reat u jehel/jehlu, meta jinsab/jinsabu hati/hatja, ammenda ta' mhux inqas minn €4.66 (Lm2) u mhux izjed minn €23.30 (LM10) ghal kull gurnata li matulha jkompli/jkomplu n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' PS 1195 Conrad Debatttista, PC 313 Dominic Joseph Busuttil, u ta' PC 476 Shaun Paul Friggieri u tapplika l-provvedimenti ta' artikolu 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 110(1), 249(2), 338(m), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 41(2), 320 u 321 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 10 tal-Kapitolu 441.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex il-kaz jinstema bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom kull wiehed mill-imputat qed jinstab hati, u l-fedina penali ta’ kull wiehed minnhom. Il-Qorti pero, in vista tac-cirkostanzi li wasslu ghall-proceduri odjerni, hija disposta taghti lill-imputati l-ahhar opportunita li jkomplu ghaddejjin bin-negozju taghhom purche verament jifhmu li l-attegjament taghhom, partikolarment fil-konfront tal-pulizija, irid jinbidel. Ghalhekk il-Qorti ser tilliberahom mill-piena bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu li fil-konfront ta’ kulll wiehed mill-imputati (tenut kont tal-fedina penali ta’ kull wiehed minnhom u tan-numru ta’ imputazzjonijiet migjuba kontra kull wiehed minnhom) ikun twil bizzejjed biex huma verament juru li irriformaw ruhhom u li l-attegjament taghhom verament ser jinbidel u dan b’mod effettiv u duratur. Fil-konfront ta’l-imputat Gilbert Dimech ser tigi imposta ukoll multa ghall-hdax il-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi

Wara li rat l-artikoli l-artikoli 49, 50, 110(1), 249(2), 338(m), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 41(2), 320 u 321 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet

ta’ Malta u l-artikolu 10 tal-Kapitolu 441, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Gilbert Dimech** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta’ hames mitt Euro (€500) fir-rigward tal-hdax il-imputazzjoni fil-waqt li fir-rigward ta’l-imputazzjonijiet l-ohra b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta’ PS1195 Conrad Debattista, PC313 Dominic Joseph Busuttil u PC476 Shaun Paul Friggieri u ghaz-zammha ta’l-ordni pubbliku qed torbot lill-imputat Gilbert Dimech b’garanzija personali ghall-perjodu ta’ sena taht penali ta’ elfejn u mitejn Euro li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmija PS1195 Conrad Debattista, PC313 Dominic Joseph Busuttil u PC476 Shaun Paul Friggieri.

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 249(2), 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Freddie Mansueto** hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodi fuq indikati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------